# VARIA ATQUE BREVIORA

## MORFOLOĠIJA U SINTASSI

### Espressjonijiet Interrogativi u Esklamativi

1. (a) *Qatt* u *ħadd* f'espressjonijiet interrogativi jistgħu jinhemżu mal-partiċella *x* :—

*Qattx mort iċ-Ċirkewwa!* — *Ħaddx jista' jkellmek?*

(b) Ukoll f'sentenzi esklamativi :—

*Qattx rajt tifla ta' dak id-daqs iddoqq il-pjanu!* — *Kemm tistagħġeb mix-xejn!*

2. (a) *Kull* f'espressjonijiet avverbjali komposti :—

*Kull fejn* (qabbel l-Ingliż *wherever*)
*Kull meta* ( ,, ,, *whenever*)
*Kull min* ( ,, ,, *whoever*)
*Kullimkien* ( ,, ,, *everywhere*)
*Kull tant* ( ,, ,, *every now and then*).

(b) Espressjonijiet avverbjali li fil-Malti jitfissru b'xi partiċella bejn verb imtenni :—

*Qal x'qal; mar fejn mar; hu min hu* (*hu* flok verb); *daħal x'ħin daħal.*

3. *Jekk, kieku* u *li* f'xi espressjonijiet kondizzjonali :—

*Jekk tmur* (futur) *issibu; kieku mort* (passat) *sibtu; li mort* (passat) *sibtu* jew *kont issibu.*

4. L-aġġettivi jistgħu jkollhom il-forma ta' verbi fl-Imperfett :—

*Ilma jagħli; ħadida tikwi; ilma jismot; borma toqtor; għasfur igħanni; sikkina taqta'.*

5. Il-Malti jinqeda bl-*m* bħala preformativa mal-komparativ biex juri l-kwalità ta' daqs u tal-piż, eċċ., ta' persuna jew oġġett imxebbha ma' dik ta' persuna jew oġġett ieħor :—

*Mitwal qasba; musa' xiber; mitqlu deheb; meħxon saba'.*

6. Użu idjomatiku tas-suffiss pronominali femminil *ha* ma' preposizzjoni :—

*Ma ġejtx fiha. Xi trid tgħid biha? Din x'fiha?*

Jew bħala oġġett tal-verb :—

*Ibigħha bil-għali! Hadha miegħu. Tista' tgħoddha b'waħda! Għadu marid? Iva. Kif inhu? Jilgħabha. Jagħmilha tajjeb. Tagħmilha bi kbira!*



# GĦAQDA TAL-KITTIEBA ŻGĦAŻAGĦ

L-*Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ* hija għaqda li tiġbor fi ħdanha l-iktar żgħażagħ imħeġġin għall-kitba li hawn f'Malta. Twaqqfet fit-23 ta' Settembru 1951 bi-inizjativa tal-Fundatur, Vincent Caruana, meta saret l-ewwel laqgħa fid-dar tas-Sur John Dougal, il-Marsa, li ġentilment silifhom kamra minn daru għall-okkażjoni.

L-*Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ* kompliet tissoda bil-ħidma tal-fundatur u ta' membri oħra bħal Manwel Cesar, John Sciberras, Pawlu Mifsud, George Stevens, Jessie Bugeja, Ġużi Abela (issa msiefer fl-Awstralja) u membri oħrajn. L-*Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ* tagħti xandira fix-xahar bir-Rediffusion u hemm probabbiltà kbira li x-xandira tibda ssir darbtejn fix-xahar. F'din ix-xandira jinqraw xogħlijiet miktuba mill-membri stess li qatt ma jkunu dehru pubblikati jew imxandra qabel bir-Reidffusion. Ix-xandira ta' l-Għ.K.Ż. hija waħda fost l-iktar xandir serju li jsir bir-Rediffusion. L-Għ.K.Ż. kienet waħda mill-għaqdiet kulturali li għas-sejħa tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* taw appoġġ għat-talba li saret lir-Rediffusion għall-ħlas iżjed xieraq lill-kittieba Maltin.

L-*Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ* ma tagħmilx biss attività ta' xandir iżda tagħmel ukoll laqgħat letterarji fejn il-membri jaqraw proża u poeżiji tagħhom, u wara jsiru rimarki istruttivi mill-membri l-oħra; fis-sentejn li ilha wieqfa l-Għ.K.Ż. saru bosta *lectures* minn membri għall-membri, fejn membri li ġà għandhom bidu ta' triq fil-letteratura jagħtu tagħrif siewi lill-membri li m'ilhomx wisq ma qabdu jħaddmu l-pinna tagħhom. Il-kumitat tal-Għ.K.Ż .għandu f'moħħu li jagħmel ukoll dibattimenti u attività ta' natura oħra.

Dan kollu juri li l-*Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ* qiegħda filfatt tilħaq l-iskop li għalih twaqqfet, jiġifieri dak li tħarreġ lill-membri tagħha għall-kitba.